Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,452, 31 ta' Lulju, 2020
Taqsima B

A.L. 317 tal-2020

ATT DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI (KAP. 492)

Regolamenti tal-2020 dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 41(1)(s) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Organizzazzjonijiet Volontarji għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiżguraw it-trasparenza u l-kontabilità fit-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali minn organizzazzjonijiet volontarji, li jkunu jwettqu attivitajiet maħsuba sabiex jintlaħqu l-iskop u l-għanijiet prinċipali ta' dawk l-organizzazzjonijiet.

Tifsir.

2. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"*accountant*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy* u għall-fini ta' dawn ir-regolamenti dik il-persuna m'għandhiex tkun amministratur, membru jew impjegat tal-organizzazzjoni volontarja iskritta li fir-rigward tagħha l-*accountant* ikun qiegħed iħejji u jiffirma l-kontijiet; Kap. 281.

"amministratur" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji; Kap. 492.

"attività kriminali" tfisser attività mwettqa minn organizzazzjoni volontarja jew membru tagħha, li tkun kontra l-liġi jew li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, jew tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u, jew tal-Att kontra *Money Laundering*; Kap. 9. Kap. 10. Kap. 373.

"awditur" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, u għall-fini ta' dawn ir-regolamenti tali persuna m'għandhiex tkun amministratur, Kap. 281.

Verżjoni Elettronika

membru jew impjegat tal-organizzazzjoni volontarja iskritta li għaliha l-awditur ikun qiegħed jivverifika l-kontijiet;

"ċelluli segregati" tfisser ċelluli stabbiliti minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti bil-mod kif stabbilit bl-artikoli 20 u 20B tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, bil-għan li jipproteġu u jisseparaw l-assi u l-passiv, id-dħul, il-kapital jew il-proprjetà li jappartjenu lill-organizzazzjoni nnifisha minn dawk li jappartjenu lill-ċelluli jew sussidjarji oħra li jiffurmaw parti minn tali organizzazzjoni volontarja;

Kap. 16.

"dħul" tfisser:

(i) kull sussidju, għotja jew donazzjoni li ssir lill-organizzazzjoni rilevanti, iżda ma tinkludix trasferimenti interni fi ħdan u bejn organizzazzjonijiet affiljati u, jew organizzazzjonijiet *parent* u sussidjarji;

(ii) kull depożitu fi flus li jsir lill-organizzazzjonijiet jew kull trasferiment ieħor ta' fondi skont termini li jindikaw li ma jkunx arranġament kummerċjali ordinarju iżda jkun intiż biex jopera bħala għotja jew donazzjoni lill-organizzazzjoni u jinkludi miżati ta' sħubija;

(iii) kull donazzjoni *in natura* li jkollha x'taqsam ma' xi proprjetà, assi ta' kull tip, kemm jekk korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u kull dokument jew strument legali, iffirmat u awtentifikat, li jassenja jew jittrasferixxi t-titolu tal-proprjetà jew jikkonferma kwalunkwe interess fih;

"*GAPSME*" tfisser *General Accounting Principles for Small and Medium-Sized Entities* kif stabbiliti taħt ir-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-*Accountancy (General Accounting Principles for Small and Medium-Sized Entities)*;

L.S. 281.05.

"IFRS" tfisser *International Financial Reporting Standards*;

"impjegat" tfisser persuna li ma tkunx amministratur, li tkun daħlet fi, jew tkun impjegata b'kuntratt ta' servizz mal-organizzazzjoni volontarja, jew kull persuna li tkun assumiet personalment li teżegwixxi kwalunkwe xogħol jew servizzi għal, u taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-organizzazzjoni volontarja għal remunerazzjoni, iżda li teskludi kwalunkwe xogħol jew servizzi li jkunu saru f'kapacità professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra, meta tali xogħol jew servizz ma

Verżjoni Elettronika

jkunx regolati b'kuntratt ta' servizz speċifiku. Tali xogħol jew servizzi lill-organizzazzjonijiet volontarji jistgħu jkunu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal attivitajiet ta' ġbir ta' fondi jew avvenimenti pubbliċi;

"kontijiet annwali" tfisser ir-rekords kollha ta' rendikont ta' dħul u nfiq miżmuma minn organizzazzjoni volontarja għas-sena finanzjarja rispettiva;

"il-Kummissarju" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija fl-Att;

"livelli tas-suq u kundizzjonijiet tas-suq" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"numru tal-organizzazzjoni volontarja" tfisser in-numru allokat lil organizzazzjoni volontarja mill-Kummissarju meta tiġi iskritta;

"organizzazzjoni affiljata" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni volontarja mwaqqfa mill-amministraturi, fundaturi jew promoturi ta' organizzazzjoni volontarja *parent* sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet jew dawk anċillari minn fondi jew opportunitajiet komuni;

"organizzazzjoni *parent*" tfisser organizzazzjoni li tikkwalifika bħala organizzazzjoni volontarja mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att u li tista' tkun tikkostitwixxi jew tistabbilixxi organizzazzjonijiet volontarji sussidjarji jew ċelloli segregati, kif jista' jkun il-każ, u li teħtieġ li tħejji l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja rispettiva;

"organizzazzjoni sussidjarja tfisser organizzazzjoni volontarja iskritta li tifforma parti minn organizzazzjoni volontarja *parent*, kemm-il darba l-iskopijiet tagħha jkunu konformi mal-iskop u l-għanijiet prinċipali tal-organizzazzjoni *parent*;

"organizzazzjoni volontarja" tfisser organizzazzjoni mwaqqfa skont l-artikolu 3 tal-Att;

"organizzazzjoni volontarja ta' Kategorija 1" tfisser organizzazzjoni volontarja li l-qligħ iġġenerat minnha u d-dħul tagħha ma jkunux jeċċedu jew ikunu ugwali għal ħamsin elf euro (€50,000), bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda III;

"organizzazzjoni volontarja ta' Kategorija 2" tfisser

Verżjoni Elettronika

organizzazzjoni volontarja li l-qligħ iġġenerat minnha u d-dħul tagħha jkunu jeċċedu ħamsin elf euro (€50,000) iżda ma jkunux jeċċedu jew ikunu daqs mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda III;

"organizzazzjoni volontarja ta' Kategorija 3" tfisser organizzazzjoni volontarja li l-qligħ ġġenerat minnha u d-dħul tagħha jkunu jeċċedu mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda III;

"perijodu finanzjarju" tfisser perijodu li jkopri tnax-il (12) xahar jew dak il-perijodu kif imsemmi fl-Iskeda VII, li jkopri s-sena finanzjarja rispettiva, u li jibda jiddekorri mid-data tal-iskrizzjoni;

"persuna terza" tfisser kull persuna li jkollha xi interess, jew tkun involuta b'xi mod fi kwistjonijiet ta' organizzazzjoni volontarja, iżda m'għandhiex, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, tinkludi uffiċjal pubbliku, membru tal-Korp tal-Pulizija, jew kull membru ieħor mill-entitajiet jew l-awtoritajiet konċernati biex tinkiseb jew tiġi żvelata kull informazzjoni meħtieġa msemmija fil-paragrafu 5 tal-Iskeda VI, jew kull membru ieħor mill-entitajiet jew l-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 6 tal-Iskeda VI;

"qligħ iġġenerat" tfisser dħul gross iġġenerat mill-użu ta' kapital jew assi, donazzjonijiet, għotjiet u kull fondi oħra li jinġabru minn avvenimenti pubbliċi jew attivitajiet għall-ġbir ta' fondi li jkunu ġew miġbura minn organizzazzjonijiet volontarji matul is-sena finanzjarja rispettiva, qabel ma jiġu mnaqqsa kull nefqa jew spiża;

"sena finanzjarja rispettiva" tfisser is-sena finanzjarja li għaliha jiġu mħejjija l-kontijiet annwali mill-organizzazzjonijiet volontarji;

"spejjeż ordinarji" tfisser l-ispejjeż għall-amministrazzjoni tal-organizzazzjoni volontarja u l-ispejjeż kollha inkorsi f'attivitajiet għall-ġbir ta' fondi jew avvenimenti pubbliċi, jew sabiex jintlaħqu l-iskop u l-għanijiet prinċipali tal-organizzazzjoni volontarja, iżda m'għandhomx jinkludu xi forma ta' remunerazzjoni li ssir lil dawk li jirċievu donazzjonijiet;

"statut" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

Kap. 16. "it-Tieni Skeda" tfisser it-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili;

Verżjoni Elettronika

"voluntier" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att.

Applikabilità.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu vinkolanti fuq kull organizzazzjoni volontarja iskritta.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Att kontra *Money Laundering* għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull organizzazzjoni volontarja iskritta.

Kap. 373.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw b'effett immedjat mill-bidu tal-perijodu finanzjarju li jibda jiddekorri mid-data tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja. Għall-fini tal-ewwel iskrizzjoni, l-organizzazzjoni għandha tippreżenta l-prospett u l-kontijiet annwali tagħha lill-Kummissarju fil-forma li biha jkunu ġew mħejjija. Il-Kummissarju għandu jirċievi dawk il-prospetti u l-kontijiet annwali, anke jekk ma jkunux konformi mar-regolament 8.

(4) Hekk kif tiġi iskritta, l-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja kkonċernata għandhom jissottomettu dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mill-amministraturi kollha kif stabbilita fl-Iskeda VIII.

Rekwiżiti ġenerali relatati mal-prospetti annwali u kontijiet annwali.

4. (1) L-amministraturi tal-organizzazzjonijiet volontarji għandhom iħejju prospetti u kontijiet annwali skont l-Iskedi II u III.

(2) Il-prospetti annwali mħejjija mill-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja għandu jkollhom l-informazzjoni kollha dwar l-attivitajiet li jkunu saru mill-organizzazzjoni matul is-sena finanzjarja rispettiva li għaliha l-kontijiet annwali jkunu ġew mħejjija.

(3) Il-kontijiet annwali ta' organizzazzjoni volontarja għandhom jistabbilixxu l-metodi adottati sabiex jiġi żgurat li d-dħul u l-infiq kollu jkunu debitament reġistrati u li jkun hemm trasparenza fir-rigward ta' kull benefiċċju, infiq u remunerazzjoni li jkun ġie riċevut mill-membri u l-impjegati tal-organizzazzjoni volontarja jew kull persuna li tkun qiegħda tipprovdi servizzi sabiex tippromwovi l-iskop u l-għanijiet prinċipali tal-organizzazzjoni.

(4) Il-kontijiet annwali ta' organizzazzjoni volontarja għandhom ukoll jistabbilixxu li l-organizzazzjoni volontarja ma tagħmilx profitt u li tiddependi fuq donazzjonijiet u għotjiet volontarji:

Iżda jekk organizzazzjoni volontarja tagħmel ġbir pubbliku, hi għandha tkun soġġetta għal aktar kontabilità skont ir-regolament 11, meta tkun qiegħda tirreġistra kull dħul u nfiq, b'kunsiderazzjoni għall-fiduċja pubblika li minnha tkun tgawdi l-

Verżjoni Elettronika

organizzazzjoni.

(5) Għall-fini tas-subregolament (4), il-prospett annwali għandu jinkludi dik l-informazzjoni kollha dwar l-organizzazzjoni volontarja, kif jista' jkun meħtieġ, kif ukoll dwar l-amministraturi u l-attivitajiet tagħha inġenerali, u l-persuni li jkunu qegħdin iħejju l-prospetti annwali għandhom jagħtu rendikont veritier tal-fatti.

Aġġustament tal-istatus tal-kategorija ta' organizzazzjoni-jiet volontarji.

5. L-istatus tal-kategorija ta' organizzazzjoni volontarja għandu jiġi aġġustat kif stabbilit fl-Iskeda I.

Bidla fost l-amministraturi.

6. L-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja għandhom jinfurmaw lill-Kummissarju b'kull bidla fost l-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja jew, jekk dik l-organizzazzjoni tkun organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, b'kull bidla fir-rappreżentant residenti Malta tal-organizzazzjoni volontarja, fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data ta' meta tkun seħħet il-bidla, skont l-artikolu 12 (d) u (e) tal-Att, billi tintuża l-formula stabbilita fl-Iskeda IV.

Forma u kontenut ta' prospetti annwali.

7. (1) Il-prospetti annwali preżentati mill-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu mħejjija skont il-kontenut u fil-forma stabbilita fl-Iskeda II u għandhom jinkludu s-segwenti dokumenti bħala annessi għall-istess:

(a) tabella organizzattiva;

(b) il-lista tal-amministraturi skont l-aħħar ġurnata tas-sena finanzjarja rispettiva;

(ċ) il-lista tal-amministraturi kurrenti;

(d) id-dokumenti li jemendaw l-Istatut;

(e) kopja tar-rapport annwali li għandu jiġi awtentikat minn tal-inqas minn żewġ amministraturi;

(f) kopja tal-kontijiet annwali li għandhom jiġu awtentikati minn tal-inqas minn żewġ amministraturi u għandhom jiġu mħejjija skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda II; u

(g) fil-każ ta' ġbir pubbliku, rendikont tal-kontijiet li jkollu x'jaqsam ma' kull avveniment organizzat u, jew attività mwettqa sabiex isir ġbir pubbliku li għandu jiġi mħejji skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda II.

Verżjoni Elettronika

(2) Organizzazzjonijiet volontarji għandhom iżommu kopja tal-kontijiet annwali, rapporti annwali u rekords oħra rilevanti għal perijodu ta' għaxar (10) snin wara l-perjodu finanzjarju li għalih ikunu jirreferu.

(3) L-informazzjoni dwar l-attivitajiet li jiġu mwettqa minn dawk l-organizzazzjonijiet volontarji matul is-sena finanzjarja rispettiva għandha tiddaħħal fir-rapport annwali imħejji mill-membri ta' dik l-organizzazzjoni u għandha:

(a) tispeċifika s-sena finanzjarja rispettiva li għaliha r-rapport ikun jirreferi;

(b) tinkludi sommarju li jkun jiddeskrivi:

(i) l-attivitajiet prinċipali li jkunu saru mill-organizzazzjoni biex tippromwovi l-iskop soċjali tagħha, inkluż dak li jikkwalifika bħala benefiċċju pubbliku; u

(ii) il-kisbiet prinċipali tal-organizzazzjoni matul is-sena finanzjarja rispettiva;

(ċ) tinkludi reviżjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-organizzazzjoni fl-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva; u

(d) tkun datata u ffirmata minn tal-inqas minn żewġ amministraturi.

(4) Għall-fini ta' dan ir-regolament, l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' attivitajiet finanzjarji li jiġu mwettqin minn organizzazzjonijiet volontarji għandha tipprovdi analiżi attwali u trasparenti tal-qligħ iġġenerat, dħul, infiq, assi u passiv għas-sena finanzjarja rispettiva, fil-kategoriji rispettivi tagħhom.

(5) L-informazzjoni msemmija f'dan ir-regolament tista' tiġi preżentata wkoll fil-format elettroniku tagħha.

Kontijiet annwali.

8. (1) Amministraturi ta' organizzazzjonijiet volontarji għandhom iħejju l-kontijiet annwali skont l-Iskeda III.

(2) Organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 2 u Kategorija 3 għandhom iżommu wkoll rekords tal-assi u passiv. L-obbligi skont dan is-subregolament għandhom japplikaw ukoll għas-segwenti:

(a) fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja *parent* il-kontijiet annwali li jiġu mħejjija u sottomessi mill-organizzazzjoni *parent*;

Verżjoni Elettronika

(b) fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja sussidjarja jew affiljata, il-kontijiet annwali li jiġu mħejjija mill-organizzazzjoni sussidjarja jew affiljata, sottomessi b'mod individwali jew separatament minn dawk li jkunu ġew imħejjija u preżentati mill-organizzazzjoni volontarja *parent*;

(ċ) fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja individwali, li ma tkunx organizzazzjoni volontarja *parent* kif ukoll organizzazzjoni volontarja sussidjarja jew affiljata, il-kontijiet annwali li jiġu mħejjija u sottomessi mill-organizzazzjoni volontarja individwali; u

(d) fil-każ ta' ċelloli segregati ta' organizzazzjoni volontarja, il-kontijiet annwali li jkunu relatati ma' dawk iċ-ċelloli, mħejjija u sottomessi mill-organizzazzjoni volontarja.

Lista tal-membri ta' organizzazzjoni volontarja.

9. Kull organizzazzjoni volontarja għandha żżomm lista aġġornata tal-membri fir-reġistru tal-membri:

Iżda l-organizzazzjonijiet volontarji m'għandhomx ikunu meħtieġa li jippreżentaw il-lista tal-membri mal-prospett annwali, minkejja li l-Kummissarju jista' jitlob bil-miktub li dik il-lista, iffirmata minn żewġ amministraturi, tiġi preżentata lilu u abbażi ta' tali talba, l-amministraturi għandhom jippreżentaw l-imsemmija lista lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata minn meta jirċievu t-talba.

Remunerazzjoni lil membri u mpjegati.

10. (1) Il-membri u l-impjegati ta' organizzazzjoni volontarja jistgħu jkunu intitolati għal remunerazzjoni għal servizzi provduti lil dik l-organizzazzjoni skont il-livelli tas-suq u l-kundizzjonijiet tas-suq kif imfissra fl-Att, u dawk is-servizzi għandhom jiġu ppubblikati fir-rapport annwali.

(2) Amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja għandhom:

(a) jiddikjaraw l-ammont ta' remunerazzjoni riċevuta mill-impjegati tagħha; u

(b) jipprovdu kopja tal-kuntratt ta' impjieg lill-Kummissarju, li għandha tintuża unikament mill-Kummissarju għall-finijiet interni.

(3) Bla ħsara għas-subregolament (2), fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji li jkunu qegħdin jirċievu fondi tal-gvern, l-impjegati ta' tali organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni li ma tkunx teċċedi s-salarju ta' uffiċjal pubbliku jew impjegat maċ-ċivil, meta mqabbel mar-rwol nominat

Verżjoni Elettronika

rispettiv tagħhom f'tali organizzazzjoni.

(4) Il-Kummissarju għandu f'kull każ imsemmi fis-subregolament (2), u biex jiżgura li l-impjegati ma jkunux qegħdin jitħallsu b'rati eżorbitanti, jkun intitolat li jirċievi mill-organizzazzjoni volontarja jew minn kull entità oħra jew awtorità konċernata, in-numru ta' impjegati ma' tali organizzazzjoni u r-rwol nominat rispettiv tagħhom, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Kummissarju jista' jitlob f'dan ir-rigward.

(5) Ir-remunerazzjoni ta' persuni li jkunu impjegati sabiex iwettqu dmirijiet ta' ġestjoni, funzjonijiet eżekuttivi jew attivitajiet għall-ġbir ta' fondi f'organizzazzjoni volontarja ma għandhiex tkun tali li tippreġudika b'mod sostanzjali lill-organizzazzjoni volontarja milli tilħaq l-iskop u l-għanijiet prinċipali tagħha.

Rendikont ta' kontijiet relatati ma' ġbir pubbliku.

11. (1) Organizzazzjonijiet volontarji għandhom iħejju rendikont tal-kontijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' kull avveniment organizzat u, jew attività għall-ġbir pubbliku skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda II u għandhom jissottomettu l-istess bħala anness mal-prospett annwali.

(2) Meta donazzjonijiet li jkunu jeċċedu ħamest elef euro (€5,000) fuq perijodu ta' sena finanzjarja jiġu offruti lill-organizzazzjoni volontarja jew membru jew amministratur ta' dik l-organizzazzjoni volontarja, għandu jkun id-dmir tal-organizzazzjoni volontarja jew tal-membri jew l-amministraturi tagħha li jiddentifikaw id-donatur li jkun offra d-donazzjoni, li jivverifikaw l-ammont eżatt tad-donazzjoni li tkun qiegħda tiġi offruta u li jiddikjaraw is-sors tal-imsemmija donazzjoni permezz ta' dikjarazzjoni li ssir lill-Kummissarju, b'referenza speċjali għad-donazzjonijiet offruti fi flus jew *in natura*.

(3) Organizzazzjonijiet volontarji huma obbligati li joħorġu irċevuti għal kull donazzjoni riċevuta li tkun teċċedi ħames euro (€5) kuljum u għandhom iżommu l-istess irċevuti għal mhux inqas minn ħames (5) snin.

Dmirijiet ġenerali tal-awdituri.

12. (1) Meta l-kontijiet annwali ta' organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 3 ikunu ġew imħejjija għas-sena finanzjarja rispettiva, l-awditur pubbliku ċertifikat li jkun wettaq l-awditjar ta' dawk il-kontijiet għandu jagħmel rapport dwarhom lill-amministraturi tal-organizzazzjoni.

(2) Ir-rapport li jkun ġie mħejji skont is-subregolament (1) għandu:

(a) jindika l-isem u l-indirizz tal-awditur u l-isem tal-

Verżjoni Elettronika

organizzazzjoni konċernata;

(b) jkun iffirmat mill-awditur;

(ċ) ikun datat u jispeċifika s-sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ikunu ġew imħejjija;

(d) jispeċifika li hu rapport li jirrigwarda verifika mwettqa skont dan is-subregolament; u

(e) jispeċifika li l-verifika ġiet mħejjija skont l-*IFRS*;

(f) jindika jekk fl-opinjoni tal-awditur ir-rendikonti finanzjarji jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, u jekk jagħtux stampa veritiera u ġusta tat-twettiq finanzjarju u l-pożizzjoni finanzjarja tal-organizzazzjoni volontarja.

(3) Meta l-awditur ikun tal-fehma li:

(a) ir-rekords ta' kontabilità ma kinux qegħdin jinżammu skont dawn ir-regolamenti;

(b) l-kontijiet ma kinux jaqblu mal-prospett annwali;

(ċ) kwalunkwe informazzjoni inkluża fil-kontijiet ma kinitx konformi f'xi aspett sostanzjali ma' xi rapport tal-amministraturi mħejji skont ir-regolament 7(2) fir-rigward tas-sena finanzjarja rispettiva; jew

(d) kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni li għaliha l-awditur ikun intitolat skont ir-regolament 13 ma kinitx ġiet provduta lill-awditur,

huwa għandu jinkludi rendikont ta' dik il-fehma, billi jipprovdi r-raġunijiet għal tali opinjoni.

(4) Fit-twettiq tar-rapport tiegħu, l-awditur għandu jagħmel tali investigazzjonijiet, kif jista' jkun meħtieġ, sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar ir-rendikonti finanzjarji tal-organizzazzjoni volontarja.

(5) Tali verifika għandha tapplika wkoll għall-Kategorija 1 u Kategorija 2 tal-organizzazzjonijiet volontarji, meta dawk l-organizzazzjonijiet ikunu stipulaw fl-istatut tagħhom li l-kontijiet annwali għandhom ikunu soġġetti għal verifika kompluta.

Id-dritt tal-awditur li jikseb informazzjoni.

13. (1) Kull persuna li tkun qiegħda twettaq verifika dwar il-kontijiet annwali tal-organizzazzjoni għandu jkollha aċċess għal

Verżjoni Elettronika

kwalunkwe ktieb, dokument u rekords oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni konċernata, inkwantu tali persuna tqis dak l-aċċess bħala neċessarju għal fini ta' spezzjoni, minħabba dik il-verifika li tkun qiegħda ssir.

(2) Il-persuna li tkun qed twettaq il-verifika skont is-subregolament preċedenti, hija intitolata li titlob informazzjoni minn membri jew amministraturi tal-organizzazzjoni preċedenti jew kurrenti, jew minn impjegati tal-organizzazzjoni preċedenti jew kurrenti, kif jidrilha li huwa xieraq għall-finijiet tat-twettiq tal-istess verifika.

(3) Meta awditur ikun qiegħed iwettaq verifika tal-kontijiet annwali ta' organizzazzjoni *parent*, l-awditur għandu wkoll ikun intitolat għal:

(a) aċċess għal informazzjoni imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), kif modifikata sabiex l-organizzazzjonijiet sussidjarji inklużi fl-organizzazzjoni *parent* ikunu mejqusa bħala organizzazzjoni individwali;

(b) aċċess għal kwalunkwe ktieb, dokument u rekords oħra li jkunu relatati mal-organizzazzjonijiet sussidjarji, li jkunu inklużi fil-kontijiet annwali u li l-awditur iqis li huma meħtieġa għal fini ta' spezzjoni bħala riżultat tal-istess verifika;

(ċ) aċċess meħtieġ fil-każ ta' organizzazzjonijiet sussidjarji jew affiljati, għal dik l-informazzjoni minn membri jew amministraturi preċedenti jew kurrenti; u

(d) jeħtieġ li l-amministraturi ta' organizzazzjoni *parent* jieħdu l-passi kollha li huma raġjonevolment meħtieġa, sabiex jiksbu minn dawk l-organizzazzjonijiet sussidjarji jew affiljati, tali informazzjoni li l-awditur jista' raġjonevolment jeħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-verifika.

(4) Meta awditur ikun qiegħed iwettaq verifika ta' ċelluli segregati, l-awditur hu obbligat li jwettaq verifika fuq dawk iċ-ċelluli skont ir-regolament 12.

14. (1) Organizzazzjoni volontarja tista' temenda jew iżżid mal-kontenut tal-istatut tagħha, inkluża kwalunkwe bidla tal-membri tagħha skont l-istatut. Tibdil u żidiet fl-istatut.

(2) L-amministraturi ta' kull organizzazzjoni volontarja għandhom sa mhux aktar tard minn erbatax-il (14) ġurnata wara d-data tar-riżoluzzjoni bil-miktub jew id-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni, jissottomettu lill-Kummissarju s-segwenti informazzjoni:

Verżjoni Elettronika

(a) kopja ta' kull riżoluzzjoni jew deċiżjoni bil-miktub tal-korp jew persuna ġuridika tal-organizzazzjoni volontarja debitament iffirmata, li permezz tagħhom l-istatut ikun ġie emendat, flimkien ma' kopja ta' kull dokument li jkun qiegħed jemenda l-istatut, awtentikat minn nutar fil-każ ta' att pubbliku, u debitament iffirmat minn kull amministratur f'każijiet oħra;

(b) kopja tal-istatut li tkun ċertifikata, riveduta u aġġornata li għandha tiġi awtentikata minn nutar fil-każ ta' att pubbliku, u debitament iffirmata minn kull amministratur f'każijiet oħra, li fiha nnifisha għandha tikkonsolida kull bidla oħra li tkun saret fl-organizzazzjoni volontarja sa dik id-data, inkluża kull bidla li tkun seħħet fost l-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja, jew kull bidla tar-rappreżentant residenti Malta tal-organizzazzjoni volontarja, meta tali organizzazzjoni tkun organizzazzjoni barranija jew internazzjonali.

(3) Kwalunkwe bidla li tkun saret fl-istatut għandha tkun ċara, inekwivoka u identifikata faċilment. Organizzazzjonijiet volontarji għandhom jippreżentaw żewġ kopji tal-istatut, waħda li tkun tirrappreżenta verżjoni preċedenti tal-istatut li jkollha t-tibdil msemmi aktar 'il fuq u l-oħra tkun tirrappreżenta verżjoni ġdida tal-istess. Organizzazzjonijiet volontarji li jkunu reġistrati mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi għandhom l-ewwel jinnotifikaw lir-Reġistru Pubbliku u jipprovdu lill-Kummissarju b'evidenza ta' dik in-notifika li tkun tirreferi għal dak it-tibdil.

(4) Kwalunkwe emenda jew żjieda fl-istatut ta' organizzazzjoni volontarja msemmija fis-subregolament (2), m'għandhiex tidħol fis-seħħ, sakemm ma tkunx irreġistrata skont is-subregolament (2), permezz tal-formula stabbilita fl-Iskeda V.

(5) L-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw illi kwalunkwe emendi jew żidiet għall-istatut tal-organizzazzjoni volontarja jkunu korretti, kompluti u għal kollox konformi mal-Att, ma' dawn ir-regolamenti u ma' kull liġi jew regolament li jista', minn żmien għal żmien, ikun japplika.

(6) Kull organizzazzjoni volontarja għandha, fi żmien erbatax-il (14) ġurnata, tinnotifika lill-Kummissarju dwar kull bidla fl-amministraturi, jew fir-rappreżentant residenti Malta fil-każ ta' organizzazzjoni internazzjonali. Organizzazzjonijiet volontarji li jkunu wkoll reġistrati mar-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi għandhom l-ewwel jinnotifikaw lir-Reġistru Pubbliku u jipprovdu lill-Kummissarju b'evidenza ta' tali notifika.

Verżjoni Elettronika

(7) Meta għal xi raġuni l-bidla fl-amministraturi jew fir-rappreżentant residenti ma tiġix notifikata kif imsemmi preċedentement lill-Kummissarju, il-persuni li jkunu jidhru bħala amministraturi fir-rekords tal-Kummissarju għandhom jibqgħu responsabbli lejn il-Kummissarju sa dak iż-żmien li l-bidla tiġi notifikata.

Proċeduri ta' reviżjoni.

15. Il-kontijiet annwali ta' organizzazzjoni volontarja għandhom ikunu soġġetti għal dawk il-proċeduri ta' reviżjoni kif imsemmi fl-Iskeda VI.

Perijodu finanzjarju li jkopri prospetti annwali u kontijiet annwali.

16. Organizzazzjonijiet volontarji għandhom iħejju l-prospetti annwali u l-kontijiet annwali għall-perijodu finanzjarju, jippreżentaw tali prospetti annwali u kontijiet annwali fid-dati partikolari u għandhom iħejju l-kontijiet annwali għal tali perijodi finanzjarji kif imsemmi fl-Iskeda VII.

Setgħet tal-Kummissarju fil-konfront ta' organizzazzjonijiet volontarji inadempjenti.

17. (1) Meta organizzazzjoni volontarja tonqos milli tissottometti l-prospett annwali flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa bħala annessi wara l-iskadenza ta' tletin (30) ġurnata mid-data tal-preżentata tal-prospett annwali speċifikat fl-Iskeda VII, il-Kummissarju għandu jikkomunika twissija bil-miktub lill-amministraturi rigward dak in-nuqqas u għandu jipprovdi lill-amministraturi l-opportunità li jagħtu raġunijiet motivati għad-dewmien u jistà, jekk fl-opinjoni tal-Kummissarju d-dewmien ikun ġustifikat, jestendi l-perijodu biex jiġi preżentat il-prospett annwali.

(2) Meta l-organizzazzjoni volontarja tonqos milli tagħti raġuni valida għad-dewmien jew tonqos milli tosserva l-perijodu estiż li jkun ġie stabbilit mill-Kummissarju biex jiġi sottomessi l-prospett annwali, il-Kummissarju jista' jikkanċella l-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja skont l-Att.

Tħassir tal-L.S. 492.01.

18. Ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), huma b'dawn imħassra.

Verżjoni Elettronika

SKEDA I
(Regolament 5)

Status tal-kategorija ta' organizzazzjonijiet volontarji

1. Organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 1 għandha tiġi konvertita awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 2, meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul tal-organizzazzjoni volontarja jkun jaqbeż ħamsin elf euro (€50,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja iżda ma jkunx jaqbeż jew ikun ugwali għal mitejn u ħamsin elf euro (€250,000). F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan.

2. Organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 1 għandha tiġi konvertita awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 3, meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul tal-organizzazzjoni volontarja jkun jaqbeż mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja. F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan.

3. Organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 2 għandha tiġi konvertita awtomatikament fi:

(a) organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 1 meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul ta' dik l-organizzazzjoni volontarja ma jkunx jaqbeż ħamsin elf euro (€50,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja. F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan;

(b) organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 3, meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul ta' dik l-organizzazzjoni volontarja jkun jaqbeż il-mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja. F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan.

4. Organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 3 għandha tiġi konvertita awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 2, meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul tal-organizzazzjoni volontarja jkun jaqbeż ħamsin elf euro (€50,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja iżda ma jkunx jaqbeż jew ikun ugwali għal mitejn u ħamsin elf euro (€250,000). F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan.

5. Organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 3 għandha tiġi konvertita awtomatikament f'organizzazzjoni volontarja tal-Kategorija 1, meta l-qligħ iġġenerat u d-dħul ta' dik l-organizzazzjoni volontarja ma jkunx jaqbeż ħamsin elf euro (€50,000) fir-rigward ta' kull sena finanzjarja. F'din l-eventwalità, l-organizzazzjoni volontarja għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mid-data li l-organizzazzjoni volontarja issir taf b'dan.

Verżjoni Elettronika

SKEDA II
(Regolamenti 4 u 7)

Kontenut u forma tal-prospetti annwali

(tapplika għal kategoriji kollha ta' organizzazzjonijiet volontarji)

Il-kontenut u l-forma tal-prospett annwali bid-dokumenti kollha meħtieġa bħala annessi debitament mimlija u kompilati, li kull organizzazzjoni volontarja għandha tippreżenta lill-Kummissarju, għandhom ikunu kif ġej:

Kontenut u forma

Prospett annwali ta':	.....
Isem tal-organizzazzjoni volontarja:	.....
Fir-rigward tas-sena finanzjarja li tiskadi fil-:	.....
Numru tal-OV:	.....
Indirizz reġistrat:	.....
Kodiċi postali:	.....
Numru/i tat-telefon:	.....
Numru tal-*fax*:	.....
Indirizz/i elettroniku/ċi:	.....
Sit elettroniku:	.....
Isem tal-persuna ta' kuntatt:	.....
Kariga:	.....
Numru tal-mowbajl/ telefon:	.....

ORGANIZZAZZJONI/JIET BARRANIJA/IN JEW INTERNAZZJONALI

Jekk l-organizzazzjoni volontarja tkun organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, indika d-dettalji tar-rappreżentant lokali f'Malta u l-indirizz reġistrat tar-rappreżentant lokali f'Malta.

Isem u kunjom:	.....
Numru tal-karta tal-identità jew numru ta' reġistrazzjoni:	.....
Indirizz reġistrat:	.....
Kodiċi postali:	.....
Numru/i tat-telefon:	.....
Numru tal-mowbajl:	.....
Indirizz/i elettroniku/ċi:	.....

TABELLA ORGANIZZATTIVA

(Ehmeż bħala Anness A: it-tabella organizzattiva)

It-tabella organizzattiva għandha turi l-istruttura tal-organizzazzjoni volontarja. Għandha tinkludi dijagramma tad-diversi korpi li jiffurmaw l-organizzazzjoni volontarja, it-tqassim intern tal-funzjonijiet u r-rwoli ta' kull korp maħtur, u għandha tindika min huwa s-sid benefiċċjarju aħħari tal-organizzazzjoni volontarja.

It-tabella għandha tiddeskrivi l-istruttura ta' ġestjoni u amministrazzjoni tal-organizzazzjoni volontarja, u għandha tindika r-responsabbiltà ta' kull bord amministrattiv u kwalunkwe grupp ta' ħidma, ir-relazzjonijiet bejn il-bord/ijiet amministrattiv/i u kwalunkwe grupp/i ta' ħidma, u l-ġerarkija tal-ġestjoni u l-amministrazzjoni.

It-tabella organizzattiva għandha wkoll tindika min huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-organizzazzjoni volontarja. Jekk l-organizzazzjoni għandha xi ħaddiema u, jew voluntiera, dawn id-dettalji għandhom ukoll ikunu inklużi fit-tabella organizzattiva.

LISTA ATTWALI TAL-AMMINISTRATURI

(Ehmeż bħala Anness B: il-lista attwali tal-amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja)

Għal amministraturi ta' qabel:

Isem, kunjom, ċittadinanza, numru tal-karta tal-identità, indirizz residenzjali, kariga u firma.

Għal amministraturi ġodda:

Isem, kunjom, ċittadinanza, numru tal-karta tal-identità, indirizz residenzjali, kariga u firma. Kopja tal-passaport jew tal-karta tal-identità awtentikata minn avukat jew nutar li jkollu *warrant* sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta.

DOKUMENTI LI JEMENDAW L-ISTATUT

(Ehmeż bħala Anness Ċ: id-dokumenti li jemendaw l-istatut)

L-istatut tal-organizzazzjoni volontarja ġie emendat fil-perijodu inkluż f'dan il-prospett annwali?

Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija hawn qabel tkun 'Iva', għandu jkun hemm mehmuż kull dokument li jemenda l-istatut u, jew kopja ċertifikata riveduta u aġġornata tal-istatut u kull tibdil ieħor li jkun sar fl-organizzazzjoni sa tali data, konsolidati miegħu. Tali dokumenti għandhom ukoll jinkludu l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) jew tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja (LĠS) li tkun

Verżjoni Elettronika

tapprova l-istatut emendat.

SĦUBIJA

(tapplika biss għall-assoċjazzjonijiet)

Numru ta' membri reġistrati mal-organizzazzjoni fid-data tal-prospett annwali:

"Membri" tfisser dawk il-membri li għandhom dritt jivvutaw fil-Laqgħat Ġenerali tal-organizzazzjoni volontarja. Lista sħiħa tal-ismijiet u l-kunjomijiet tal-membri, bl-indirizzi u n-numri tal-karti tal-identità għandha tinżamm mill-organizzazzjoni volontarja u tista' tintalab f'kull waqt mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jew rappreżentant tiegħu.

RAPPORT ANNWALI

(Ehmeż bħala Anness D: kopja tar-rapport annwali ffirmata minn tal-inqas minn żewġ amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja (magħruf ukoll bħala Rapport Amministrattiv jew Rapport tal-Attività).

KONTIJIET ANNWALI

(Ehmeż bħala Anness E: kopja tal-kontijiet annwali ffirmati minn tal-inqas minn żewġ amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja) .

DIKJARAZZJONI TAL-KONTIJIET FIR-RIGWARD TA' ĠBIR PUBBLIKU

Skop

1. Dikjarazzjoni tal-kontijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' ġbir pubbliku għandha ssir minn organizzazzjoni volontarja sabiex titjieb it-trasparenza fl-attivitajiet li jkunu saru u fl-avvenimenti organizzati minn organizzazzjoni volontarja sabiex tagħmel ġbir pubbliku.

Kontenut u forma tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet

2. Id-dikjarazzjoni tal-kontijiet debitament mimlija u kompilata li organizzazzjoni volontarja għandha tippreżenta lill-Kummissarju għandha tinkludi u tkun fil-forma indikata hawn taħt.

Dikjarazzjoni tal-kontijiet

1. ***Dettalji fir-rigward ta' avvenimenti organizzati jew attivitajiet li jkunu*** *saru*

Isem tal-organizzazzjoni volontarja: .....
Numru OV: .....
Data tad-dikjarazzjoni: .....

Verżjoni Elettronika

(a) Tip ta' avveniment u, jew attività: .....

(b) Perijodu li matulu jew id-data meta l-avveniment seħħ u, jew l-attività tkun saret: .....

(ċ) Il-post fejn l-avveniment seħħ u, jew l-attività saret: .....

2.	***Rikavat tal-Ġbir***	***Ammont f'€***
(a)	Skont il-lista tal-kolletturi u l-ammonti rispettivi hawn mehmuża:	.....
(b)	Minn sorsi oħra (indika s-sorsi):	.....
(ċ)	Donazzjonijiet, kif hemm fil-lista hawn mehmuża:	.....

3.	***Spejjeż***	***Ammont f'€***
(a)	Stampar u kartolerija:	.....
(b)	Posta:	.....
(ċ)	Reklamar:	.....
(d)	Remunerazzjoni:	.....
(e)	Kull forma oħra ta' ħlas:	.....
(f)	Spejjeż oħra:	.....

4. Disponiment tal-bilanċ

(indika d-dettalji inklużi l-ismijiet tal-benefiċċjarji kollha u l-ammonti rispettivi)

Isem/ismijiet tal-benefiċċjarju/i	***Ammont f'€***
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....
	.....

Minn tal-inqas żewġ firem tal-amministraturi huma meħtieġa:

Isem u kunjom sħih tal-amministratur .....

Firma tal-amministratur .....

Verżjoni Elettronika

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Dikjarazzjoni ta' kompletezza u korrettezza

Permezz ta' din id-dikjarazzjoni, jiena nikkonferma li d-dettalji mogħtija, inklużi l-Annessi mehmuża, huma kompluti u veritieri fil-kontenut tagħhom.

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Data: .....

Annessi*:

Anness A - Tabella Organizzattiva

Anness B - Lista tal-amministraturi attwali (preċedenti u ġodda)

Anness Ċ - Dokumenti li jemendaw l-istatut (jekk ikun japplika)

Anness D - Rapport annwali

Anness E - Kontijiet annwali

Anness F - Dikjarazzjoni tal-kontijiet għal ġbir pubbliku (jekk ikun japplika)

**Immarka d-dokumenti mehmuża, fejn ikun applikabbli.*

SKEDA III
(Regolament 4 u 8)

Kontenut u forma tal-kontijiet annwali

Il-livell tal-kontijiet annwali li kull organizzazzjoni volontarja għandha tippreżenta lill-Kummissarju jiddependi fuq l-ammont tal-qligħ iġġenerat u tad-dħul tagħha u jekk tali organizzazzjoni tkunx organizzazzjoni volontarja ta' Kategorija 1, ta' Kategorija 2 jew ta' Kategorija 3.

(a) Organizzazzjonijiet Volontarji ta' Kategorija 1

Bażi ta' kontabilità - abbażi ta' flus kontanti

Il-kontijiet annwali debitament mimlija u kompilati li

Verżjoni Elettronika

organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 1 għandhom jippreżentaw lill-Kummissarju għandhom ikunu mħejjija fuq bażi ta' flus kontanti u għandhom jikkonsistu fil-kontenut u fil-forma indikata hawn taħt:

Iżda jekk, fl-aħħar tas-sena finanzjarja tagħha, organizzazzjoni volontarja ta' Kategorija 1 jkollha krediturі jew debituri, dawn għandhom ikunu indikati lill-Kummissarju fir-rapport annwali.

Id-dettalji tad-dħul u nfiq għandhom jiġu indikati għal kull avveniment u, jew attività ta' ġbir ta' fondi u r-rikavat għandu jiġi trasferit fil-kont tad-dħul u nfiq.

Isem tal-Organizzazzjoni Volontarja: .....
Numru tal-OV .....
Sena finanzjarja li tagħlaq: .....

Dħul	***Ammont f'€***
Donazzjonijiet riċevuti fi flus kontanti	.....
Donazzjonijiet riċevuti *in natura*	.....
Interessi fuq kontijiet ta' depożitu fissi	.....
Interessi fuq kontijiet ta' tfaddil	.....
Interessi/dividendi fuq investimenti	.....
Fondi lokali tal-Gvern	.....
Fondi tal-UE	.....
Fondi privati	.....
Miżati ta' sħubija	.....
Rikavat mill-bejgħ ta' assi fissi	.....
Kirjiet riċevuti	.....
Sponsorships riċevuti	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 1 - nett	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 2 - nett	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 3 - nett	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 4 - nett	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 5 - nett	.....
Avveniment/attività ta' ġbir ta' fondi 6 - nett	.....
Dħul ieħor	.....
Dħul totali	.....

Nfiq	***Ammont f'€***
Reklamar	.....
Miżati ta' reġistrazzjonijiet annwali	.....
Tindif u oġġetti konsumabbli	.....
Konferenzi u taħriġ	.....
Assikurazzjoni - vetturi	.....

Verżjoni Elettronika

Assikurazzjoni - oħrajn	.....
Internet	.....
Liċenzji	.....
Spejjeż ta' mowbajl	.....
Spejjeż postali	.....
Ħlasijiet professjonali (*accountants*, avukati, eċċ)	.....
Kera	.....
Tiswija u manutenzjoni - tagħmir	.....
Tiswija u manutenzjoni - vetturi	.....
Tiswija u manutenzjoni – uffiċċju/bini	.....
Remunerazzjoni	.....
Kull forma oħra ta' ħlas fuq ġbir ta' fondi (7%)	.....
Kartolerija u stampar	.....
Abbonamenti	.....
Telefon	.....
Vjaġġar - barra minn Malta	.....
Vjaġġar - lokali	.....
Pagi	.....
Ilma u elettriku	.....
Spejjeż għas-sit elettroniku	.....
Spiża 1	.....
Spiża 2	.....
Spejjeż oħra	.....
Spiża totali:	.....
Eċċess ta' dħul fuq l-infiq:	.....
Eċċess ta' infiq fuq id-dħul:	.....

Flus/Depożiti Bankarji/ Investimenti	***Fil-bidu tas-sena finanzjarja f'€***	***Movimenti għas-sena finanzjarja f'€***	***Fl-aħħar tas-sena finanzjarja f'€***
Flus fl-idejn/kontanti	.....	.....	.....
Kontijiet kurrenti:	.....	.....	.....
Kontijiet ta' tfaddil:	.....	.....	.....
Kontijiet ta' depożitu fiss:	.....	.....	.....
Stocks tal-Gvern ta' Malta:	.....	.....	.....
Ishma:	.....	.....	.....
Investimenti lokali:	.....	.....	.....
Investimenti barranin:	.....	.....	.....

Assi u passiv oħra	***Valur/ammont stmat f'€***
Proprjetà immobbli libera u franka:	.....

Verżjoni Elettronika

Proprjetà immobbli mwellija:	.....
Tagħmir, għamara u *fittings* (deprezzament):	.....
Vetturi (deprezzament):	.....
Xogħol ta' arti (apprezzament):	.....
Kredituri:	.....
Debituri:	.....
Self:	.....
Ekwità:	.....
Oħrajn:	.....

Il-kontijiet ġew approvati mill-membri fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fil- .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur	.....
Firma tal-amministratur	.....
Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur	.....
Firma tal-amministratur	.....
Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur	.....
Firma tal-amministratur	.....
Data	.....

(b) Organizzazzjonijiet Volontarji ta' Kategorija 2

Bażi tal-kontabiltà - abbażi ta' ħlasijiet dovuti

Organizzazzjonijiet Volontarji ta' Kategorija 2 għandhom iżommu r-rekords tal-kontijiet tagħhom abbażi ta' ħlasijiet dovuti u jħejju r-rendikonti finanzjarji skont ir-rekwiżiti tal-*GAPSME*. Ir-rendikonti finanzjarji għandhom ikunu debitament verifikati u ffirmati minn *accountant* estern.

(ċ) Organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 3

Bażi tal-kontabilità – abbażi ta' ħlasijiet dovuti

Organizzazzjonijiet Volontarji tal-Kategorija 3 għandhom iżommu r-rekords tal-kontijiet tagħhom abbażi ta' ħlasijiet dovuti u jħejju rendikonti finanzjarji skont ir-rekwiżiti tal-*IFRS*. Ir-rendikonti finanzjarji għandhom ikunu debitament verifikati u ffirmati minn awditur.

Meta l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda III ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx konformi għall-fini li tipprovdi analiżi attwali u trasparenti tal-prestazzjoni finanzjarja ta' organizzazzjoni volontarja u fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 1 u Kategorija 2, tal-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex tipprovdi analiżi attwali u trasparenti għandha tingħata fil-kontijiet jew fir-rapport annwali tal-organizzazzjoni volontarja.

Verżjoni Elettronika

SKEDA IV
(Regolament 6)

Notifika ta' tibdil fost l-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja jew xi tibdil fir-rappreżentant residenti f'Malta tal-organizzazzjoni volontarja fejn tali organizzazzjoni tkun organizzazzjoni barranija jew internazzjonali

Data: .....:

Numru tal-OV .....
Isem tal-organizzazzjoni volontarja: .....
Konsenjata minn: .....

Lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji:..... (Isem tal-Organizzazzjoni Volontarja) qiegħda permezz ta' dan tinnotifika skont ir-regolament 6 tar-Regolamenti tal-2020 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) li:.....
.....
.....

Data effettiva tal-bidla: .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Verżjoni Elettronika

SKEDA V
(Regolament 14)

Notifika ta' tibdil u żidiet li saru fl-istatut ta' organizzazzjoni volontarja:

Data: .....
Numru tal-OV: .....
Isem tal-organizzazzjoni volontarja: .....
Konsenjat minn: .....

Lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji:
..... (Isem tal-Organizzazzjoni Volontarja) qiegħda b'dan tinnotifika skont ir-regolament 14 tar-Regolamenti tal-2020 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali)
li:.....
.....
.....

Data effettiva tal-bidla: .....

Ismijiet u kunjomijiet sħaħ u firem tal-amministraturi kollha:

Isem u kunjom tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

Isem u kunjom tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....

SKEDA VI
(Regolament 15)

Proċeduri ta' Reviżjoni mill-Kummissarju

1. Il-Kummissarju għandu d-dritt li jaħtar kwalunkwe persuna kwalifikata sabiex tiflijew tħejji rapport dwar il-kontijiet ta' kull organizzazzjoni volontarja meta jqis li jkun xieraq u meħtieġ li jagħmel dan. Dan għandu jsir mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

2. Il-Kummissarju għandu a bażi ta' *roster* jingaġġa persuni kwalifikati biex iwettqu kontroll każwali u abbażi ta' kampjun fuq il-kontijiet abbażi ta' flus kontanti ta' organizzazzjonijiet volontarji ta' Kategorija 1 u jirrapurtaw skont il-każ.

3. Ir-responsabbiltà u l-ispejjeż tar-reviżjonijiet indikati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitħallsu mill-Kummissarju.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti, il-Kummissarju għandu, għall-fini ta' kwistjonijiet ta' investigazzjoni jew tmexxija fl-

Verżjoni Elettronika

affarijiet ta' organizzazzjoni volontarja, skont is-setgħat li għandu permezz tal-artikolu 34 tal-Att, ikollu d-dritt li jitlob kwalunkwe informazzjoni, dokumenti u, jew kjarifiki mill-amministraturi ta' kwalunkwe organizzazzjoni volontarja, kif hu jista' jqis meħtieġ fiċ-ċirkustanzi:

Iżda minkejja, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 12D tal-Att, organizzazzjonijiet volontarji li ma jkunux soġġetti għal iskrizzjoni mandatorja skont l-artikolu 12D tal-Att u li huma obbligati li jinnotifikaw lill-Kummissarju bl-eżistenza tagħhom, għandhom fl-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva, jippreżentaw kopja tal-kontijiet annwali tagħhom lill-Kummissarju.

5. Il-Kummissarju għandu wkoll, skont l-artikolu 34 tal-Att, ikun intitolat li jitlob kull informazzjoni minn kwalunkwe entità jew awtorità pubblika jew privata, jew jiżvela kwalunkwe informazzjoni ma' tali entità jew awtorità, għall-fini ta' investigazzjoni dwar kwistjonijiet ta' organizzazzjoni volontarja, meta hu jkollu suspett li dik l-organizzazzjoni volontarja jew xi membru tagħha jkun qiegħed iwettaq xi attività li jkollha x'taqsam ma' ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jew xi attività kriminali jew illiċita oħra kif imfissra fit-termini ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Kummissarju f'dan ir-rigward m'għandhiex tiġi żvelata lil terzi persuni skont dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll, meta l-Kummissarju jitlob tali informazzjoni, hu għandu, fuq talba li għandha ssir minn dik l-entità jew awtorità, jipprovdi raġunijiet motivati għaliha, kif hu jista' jqis meħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

6. Salv id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5, il-Kummissarju huwa intitolat li jakkwista kwalunkwe informazzjoni minn entitajiet jew awtoritajiet oħra, li jkunu jinkludu, iżda mhux limitati, għar-Reġistru għal Persuni Ġuridiċi, is-Servizzi tas-Sigurtà ta' Malta, Jobsplus, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kummissarju tat-Taxxi, l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Qrati tal-Ġustizzja, u wkoll sabiex jiżvela kwalunkwe informazzjoni lill-istess entitajiet jew awtoritajiet oħra:

Iżda din l-informazzjoni tista' tinkludi kull informazzjoni oħra mir-Reġistratur tal-Qrati u, jew mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jew tal-Avukat tal-Istat rispettivament, li jkollha x'taqsam ma' xi proċeduri kriminali jew ċivili pendenti, b'referenza partikolari għal kwalunkwe informazzjoni li tikkonċerna s-sekwestru, l-iffriżar, il-konfiska u l-qbid tal-assi:

Iżda wkoll kull informazzjoni privileġġata li tkun inkisbet mill-Kummissarju abbażi ta' dik it-talba, għandha tintuża esklussivament għall-finijiet tas-setgħat li hu għandu skont dan l-artikolu u ma għandhiex tkun disponibbli għall-pubbliku.

7. Il-Kummissarju jista' wkoll jitlob lil kwalunkwe membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja, jew lil dawk li jkunu jippretendu jew jallegaw li huma membri jew amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja kkonċernata, biex jissottomettu ċertifikat ta' kondotta maħruġ skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77), u jista' jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' iskrizzjoni jew jirtira kwalunkwe ċertifikat ta' iskrizzjoni lil dak il-membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja, li jonqos milli jissottometti dak iċ-ċertifikat ta' kondotta.

Verżjoni Elettronika

8. Salv id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77), il-Kummissarju jista' fil-kors tal-investigazzjonijiet tiegħu, jitlob reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali ta' kwalunkwe membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja. Il-Kummissarju jista' jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' iskrizzjoni, jew jirtira kwalunkwe ċertifikat ta' iskrizzjoni, jekk il-persuna li għaliha jirreferi r-reġistru tal-kundanni kriminali tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha kif mitlub skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77).

9. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda u matul l-investigazzjoni skont l-artikolu 7(1)(g) tal-Att, il-Kummissarju għandu l-awtorità li jħarrek lix-xhieda u li jagħti ġurament lil kwalunkwe persuna kkonċernata fl-investigazzjoni u jesiġi li jagħtu l-evidenza.

10. F'każ illi tali persuna tirrifjuta li tipproduċi l-informazzjoni mitluba, il-Kummissarju jista' jimponi multa amministrattiva li ma tkunx teċċedi l-ħames mitt euro (€500).

SKEDA VII

(Regolamenti 16 u 17)

1. Perijodu finanzjarju tal-prospett annwali u kontijiet annwali

Il-prospett annwali u l-kontijiet annwali ta' organizzazzjoni volontarja għandu jkopri s-sena finanzjarja kif stabbilit fl-istatut tal-organizzazzjoni:

Iżda:

(a) jekk organizzazzjoni volontarja tkun ġiet iskritta bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju ta' kwalunkwe sena, l-ewwel prospett annwali u kontijiet annwali tagħha għandhom ikopru l-perijodu li jibda jiddekorri mid-data tal-iskrizzjoni tagħha sal-aħħar tal-ewwel sena finanzjarja tagħha;

(b) jekk organizzazzjoni volontarja tkun ġiet iskritta bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena, l-ewwel prospett annwali u l-kontijiet annwali tagħha għandhom ikopru l-perijodu li jibda jiddekorri mid-data tal-iskrizzjoni tagħha sal-aħħar tal-ewwel sena finanzjarja tagħha.

Dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom bżonn jemendaw il-perijodu finanzjarju għandhom jitolbu permess mill-Kummissarju sabiex jaffettwaw tali emenda u għandhom jipprovdu raġuni motivata għall-istess emenda.

Il-Kummissarju, f'tali ċirkostanzi, għandu jikteb lill-organizzazzjoni volontarja konċernata sabiex jindika jekk hu japprovax jew xort' oħra tali bidla u biex jinforma lill-organizzazzjoni volontarja bid-data tad-debita preżentata tal-prospett annwali bid-dokumenti kollha meħtieġa bħala annessi tiegħu.

2. Data tal-preżentata tal-prospett annwali u tal-kontijiet annwali

Il-prospett annwali u l-kontijiet annwali, inklużi d-dokumenti kollha meħtieġa

Verżjoni Elettronika

bħala annessi għalihom għandhom jiġu preżentati kif speċifikat hawn taħt mhux aktar tard minn:

(a) disgħin (90) ġurnata mill-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji tal-Kategorija 1;

(b) mija u tmenin (180) ġurnata mill-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji tal-Kategorija 2; u

(ċ) mitejn u erbgħin ġurnata (240) mill-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji tal-Kategorija 3:

Iżda jekk organizzazzjonijiet volontarji tal-Kategorija 1 jagħżlu li jkollhom il-kontijiet annwali tagħhom soġġetti għal *GAPSME* skont l-istatut rispettiv tagħhom, il-prospett u l-kontijiet annwali inklużi d-dokumenti kollha meħtieġa bħala annessi għalihom, għandhom jiġu preżentati mhux aktar tard minn mija u tmenin ġurnata (180) mill-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva:

Iżda wkoll, jekk organizzazzjonijiet volontarji tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2 jagħżlu li jkollhom il-kontijiet annwali tagħhom soġġetti għal verifika kompluta tal-IFRS skont l-istatut rispettiv tagħhom, il-prospett u l-kontijiet annwali inklużi d-dokumenti kollha meħtieġa bħala annessi għalihom, għandhom jiġu preżentati mhux aktar tard minn mitejn u erbgħin ġurnata (240) mill-aħħar tas-sena finanzjarja rispettiva.

SKEDA VIII

(Regolament 3(4))

Formola ta' Dikjarazzjoni

L-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja li tkun ġiet iskritta qegħdin b'dan jiddikjaraw illi huma konxji li l-organizzazzjoni hi obbligata li tippreżenta l-prospetti annwali tal-organizzazzjoni volontarja lill-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji abbażi ta' sena għas-sena rispettiva finanzjarja, skont il-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-iskrizzjoni mandatorja skont l-Att u r-regolamenti magħmulin taħtu u li għandhom jinżammu responsabbli għas-sottomissjoni ta' dawk id-dokumenti.

L-amministraturi ta' organizzazzjoni volontarja mhux iskritta skont l-artikolu 12Ċ tal-Att, qegħdin b'dan jiddikjaraw illi huma konxji li l-organizzazzjoni hi obbligata li tissottometti dikjarazzjoni li tinkludi l-ammont totali ta' dħul u nfiq tal-organizzazzjoni volontarja lill-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji abbażi ta' sena għas-sena rispettiva finanzjarja u li għandhom jinżammu responsabbli għas-sottomissjoni ta' dik id-dikjarazzjoni.

Dettalji ta' kull amministratur

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur	.....
Firma tal-amministratur	.....
Numru tal-karta tal-identità	.....
Kariga	.....

B 2088

Data .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....
Numru tal-karta tal-identità .....
Kariga .....
Data .....

Isem u kunjom sħiħ tal-amministratur .....
Firma tal-amministratur .....
Numru tal-karta tal-identità .....
Kariga .....
Data .....